MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 177/1997/1

Major Albert E. Portelli
vs
Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili u b'digriet tat-28 ta' April 1998 gie kjamat in kawza l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta

Illum 28 ta' Ottubru, 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**

It-Tribunal ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fil-15 ta' Lulju, 1997 fejn ippremetta illi rat ir-risposta ta' l-intimati direttur ta' l-Avjazzjoni Civili fejn ecepixxa illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jezercita' l-gurisdizzjoni tieghu fit-termini ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att nru VIII tal-1997 billi r-rikorrent kien diga ressaq kaz biex jigi nvestigat l-ilment tieghu quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa

taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji liema lment kien diga deciz fl-1 ta’ April 1993.

L-intimat mhux legittimu kontradittur stante li r-rikorrent huwa membru tal-Forzi Armati u ma jaqax taht l-impjieg dirett ta’ l-esponent. Subordinatament u minghajr pregiduzzju dan it-Tribunal ghandu wkoll jiddeklina milli jiehu konjizzjoni tal-kaz fit-termini ta’ l-Artikolu 5(3)(b) billi r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta’ l-Att dwar il-Forzi Armati.

Subordinatament u minghajr pregudizzju jinghat li:

F’April 1979 id-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili ha r-responsabilita’ ghall-provedimenti tas-Servizzi tat-Traffiku ta’ l-Ajru. F’dak il-mument il-posizzjoni tal-gradi ta’ l-ufficcjali f’dawn is-servizzi kienet:

| | |
|---|---|
| Senior Air Traffic Control Officer (SATCO) | Maj. M. Calafato |
| ATC Watch Supervisors | Capt J. Sultana |
| | Capt. J. Bugeja |
| | Capt. A. Buttigieg |
| | Capt. L. Fenech |
| | Capt. A. Gregory |
| ATCO’s (L-aktar anzjani) | Lieut. J. Coppini |
| | Lieut. E. Mangion |
| | Lieut.. S. Ellul Bonici |
| | Lieut. W. Formosa Holt |
| | Lieut. S. Lungaro Mifsud |
| | Lieut. A. Portelli |
| | Lieut. J. Vella |

Kif jidher, ir-rikorrent is-Sur Portelli kien flimkien ma’ kontrolluri ohra, fir-rank ta’ Air Traffic Controller (Lieutenant). Ta’ min jinnota f’dan l-istadju li fl-Air Traffic Control hemm diversi posizzjonijiet bhala Aerofrome Control, Approach Radar Control u Area Procedural Control.

F’Marzu 1981 Captain J. Sultana kien promoss ghal Major filwaqt li Lieut J. Vella kien promoss ghal Captain.

F'Marzu 1984 Captain J. Bugeja gie trasferit fit-taqsima ta' l-Inginerija Civili wara li kien ikkwalifika bhala Arkitett. Ukoll f'dik is-sena, Lieut. Formosa Holt u J. Coppini rtiraw mis-servizz minhabba l-eta' filwaqt li Captain A. Gregory gie trasferit fuq xoghol iehor minhabba li ghal ragunijiet medici ma setax jaghmel xoghol ta' kontrollur.

F'Dicembru 1983 Major Sultana gie appuntat biex jagixxi bhala Deputy Director ta' l-Avjazzjoni Civili ghalkemm baqa' jzomm il-posizzjoni ta' SATCO. F'dak iz-zmien ukoll Capt. L. Fenech gie appuntat bhala Deputy SATCO biex ikun jista jassisti lis-SATCO fix-xoghol tieghu. F'Dicembru 1988 Capt. L. Fenech gie promoss ghar-rank ta' Major filwaqt li r-rikorrent, Lieut. Portelli, Ellul Bonici, Lungaro Mifsud u Mangion gew promossi ghar-rank ta' Captain.

Minhabba li fl-1988 giet introdotta s-sistema ta' kontroll tat-traffiku ta' l-ajru bir-radar, inghatat l-opportunita' lill-kontrolluri biex jigu validati bhala "Area Radar Controllers". Major Sultana, Major Fenech, u Capt. Vella, Ellul Bonici, Lungaro Mifsud u Mangion gew validati biex jahdmu bhala Area Radar Contol Controllers. Capt. Portelli naqas li jigi validat f'dan ix-xoghol ghax ma lahaqx il-livell mehtieg. Ghaldaqstant ir-rikorrent, Lieut. Portelli kien l-inqas wiehed kwalifikat mill-ufficjali msemmija fil-paragrafu ta' qabel.

Huwa importanti li jigi mifhum li minhabba s-sigurta' fl-operat tat-titjiriet ta' l-ajruplani u fl-ajruport, huwa rikjest li l-kontrolluri jkollhom l-abbilta' u konoxxenza tax-xoghol qabel ma jigu licenzjati biex jaghmlu xogholhom fid-dipartiment. Dan il-kuncett huwa fattur l-iktar importanti li d-dipartiment jiehu in konsiderazzjoni fl-oghti ta' promozzjonijiet minn grad ghal iehor. Huwa kkonfermat li fil-promozzjonijiet li nghataw fis-servizzi tal-konrolluri, dan id-dipartiment dejjem mexa ma' din il-procedura.

Fil-11 ta' Ottubru 1988 id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili rcieva rapport (li huwa mehmuz bhala Dokument A) minghand Major Sultana fuq l-imgieba tar-rikorrenti Lieu. Albert Portelli. Major Sultana minhabba l-operat hazin tar-

rikorrenti, rtira r-rakkomandazzjoni tieghu li r-rikorrenti Lieut. Portelli jigi appuntat bhala Watch Supervisor (fil-grad ta' captain) u rrakomanda li r-rikorrenti, s-Sur Portelli jigi trasferit f'sezzjoni ohra tad-dipartiment fejn xogholu ma jkunx ta' riskju ghat-titjir ta' l-ajruplani.

Fl-24 ta' Ottubru 1988 id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili rcieva rapport dwar abbuzi li wettaq ir-rikorrenti Lieut Portelli. Kopja ta' dan ir-rapport flimkien ma evidenza ancillari hija esebita bhala Dokument B.

Minhabba dawn ir-rapporti, id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili kien kostrett li jirrakkomanda lill-Brigadier tal-Forzi Armati (minhabba li l-kontrolluri jaqghu taht dixxiplina militari) biex tittiehed azzjoni dixxiplinari kontra r-rikorrenti, s-Sur Portelli minhabba l-agir irresponsabbli tieghu (kopja ta' rakkomandazzjoni hija esebita bhala Dokument C).

Ir-rapport kontra r-rikorrenti s-Sur Portelli gie diskuss f'laqgha li nzammet bejn id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili S. Fenech, is-Sur J. Sultana Deputy Director, Maj. J. Sultana Assistent Direttur u SATCO u ma' Maj. L. Fenech SATCO. Dawn l-ufficjali iddiskutew l-operat tar-rikorrenti s-Sur Portelli fil-provediment tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru u gie deciz li s-Sur Portelli jigi moghti xoghol li mhux relatat max-xoghol tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru. Din id-decizjoni giet ukoll riferuta lill-Ufficju tal-Prim Ministru li f'dak iz-zmien kellu r-responsabbilta' ghad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili u dan l-ufficju ma sab l-ebda oggezzjoni. Kopja ta' minuti mehudin minn file DCA/ADM/173/3/I huma mehmuzin bhala Dokument D.

Kull appuntament fil-gradi ta' Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru dejjem inghataw lil dawk il-persuni li ghandhom mhux biss seniority imma wkoll kwalifiki, abbilta u kapacita' fil-qasam tas-Servizz tat-Trasport ta' l-Ajru.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li fl-ewwel lok jirrifjuta li jezercita' l-gurisdizzjoni tieghu ghal ragunijiet fuq premessi u subordinatament fit-tieni lok li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat id-digriet taghha tad-29 t' April, 1998 fejn it-Tribunal ordna il-kjamat in kawza tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati. Rat ir-risposta ta' l-intimat kjamat in kawza fejn ecepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors huwa inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 6(2) billi l-ilment diga gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji:

Illi jidher li l-ilment tar-rikorrent huwa dak li ma nghatax promozzjoni ghar-rank ta' Senior Air Traffic Controller (SATCO), minhabba twemmin politiku tieghu.

Illi fil-kariga ta' SATCO kien hemm is-Sur Joe Sultana bejn il-31 ta' Marzu 1981 u l-15 ta' Novembru 1991.

Illi minhabba li s-Sur Larry Fenech kien ilu jgorr il-kariga ta' Assistant SATCO sa mis-26 ta' Dicembru 1983 huwa gie mahtur SATCO fis-16 ta' Novembru 1991 malli l-istess kariga sfat vakanti;

Illi fis-16 ta' Novembru 1991, ir-rikorrent kien igorr il-kariga ta' Kaptan u ghaldaqsant ma kienx eligibbli ghall kariga ta' SATCO.

Illi fl-1 t'April 1993 ir-rikorrent inghatalu r-rank ta' Maggur b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 b'sentenza tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji. Jigifieri kwazi tliet snin wara li l-kariga ta' SATCO kienet inghatat lil haddiehor u ghaldaqstant il-post ma kienx vakanti.

Illi r-rakkomandazzjonijiet ghall-promozzjoni fl-Air Traffic Control Corps dejjem jinbdew mis-SATCO, lid-Direttur tal-Avjazzjoni Civili u dan lill-Kmandant Forzi Armati u finalment lill-Ufficcju tal-Prim Ministru.

Illi r-rikrorent ma kienx rakkomandat biex jigi promoss ghar-rank ta’ Maggur, kemm fid-19 ta’ Novembru 1990 u kemm fl-10 ta’ Mejju 1991 kif jidher fid-dokumenti “A” u “B” hawn annessi.

Illi l-allegazzjoni li mieghu saret xi diskriminazzjoni politika hija bla bazi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Sema’ ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi fil-qosor ir-rikorrent qed jaghmel tlett talbiet; l-ewwel wahda li jinghata l-promozzjoni li tilef ingustament, it-tieni illi jsir aggustament fil-pensjoni u t-tielet illi jigi kkumpensat ghal allowances li tilef bejn 1998 u 1992.

L-ewwel eccezzjoni imqajma mill-intimat, Direttur ta’ l-Avjazzjoni tikkoncerna l-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal, peres illi r-rikorrent diga ressaq il-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji u nghatat decizjoni fl-1 t’ April, 1993.

It-Tribunal idderima din il-kwistjoni b’sentenza moghtija fl-10 ta’ Novembru, 1998 (fol. 37) fejn iddecieda illi r-rikorrent ma jistax jitlob lit-Tribunal jezamina ‘promotions’ qabel il-11 ta’ Mejju 1988. Jista’ pero jilmenta dwar promozzjonijiet ohra li setghu gew wara, jew ilmenti ohra. Ghalhekk it-Tribunal fid-decizjoni finali tieghu irid izzomm dawn il-parametri f’ mohhu u jezamina xi promozzjonijiet setgha ha r-rikorrent wara l-11 ta’ Mejju 1988.

Ir-rizulta mill-provi illi r-rikorrent dahal jahdem ma’ l-International Air Radio Limited fin-1952 bhala assistant air traffic controller. Din il-kumpanija giet trasferita lil gvern

fin-1975 u circa 1978 il-haddiema taghha gew taht ir-responsabbilta’ tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati. Ir-rikorrent inghata l-grad ta’ Logutenent u fl-1 t’ April 1979 gie appuntat kaptan fl-Air Traffic Control Branch ta’ l-Airport u baqa’ f’dan il-grad sakemm irtira fit-28 ta’ Dicembru, 1992. Il-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji pero rrakomandat illi r-rikorrent jinghata r-rank ta’ Maggur b’ effett mill-11 ta’ Mejju 1988. Din inghatat u ghalhekk issa r-rikorrent jokkupa l-oghla rank illi possibilment setgha ha fil-post fejn jahdem. L-ilment tar-rikorrent illum irid jigi kkunsidrat mhux tant fil-grad tal-promozzjoni li ha, imma kellux ikun intitolat, kif qed jipretendi illi jigi assenjat ‘head of section’ u cioe senior air traffic control officer b’ effett mis-17 ta’ Novembru, 1991.

Ikkunsidra

Ghal habta tan-1984, il-gvern Malti kien wasal f’ arrangament mal-gvern Taljan illi dan ta’ l-ahhar jipprovdi ‘area radar’ gdid ghal kontroll ta’ l-ajruplani u ghalhekk fin-1984 gie organizzat kors ta’ 5 gimghat ghal ‘air traffic controllers’ sabiex huma jkunu moghtija struzzjonijiet dwar l-operat tar-radar il-gdid. Ir-rikorrent kien wiehed mill-ewwel nies illi attendew dan il-kors u r-rapport tieghu qieghed esebit a fol. 62 tal-process. Filwaqt illi r-rikorrent gie deskrit bhala ‘very accurate and prepared professional’ fl-istess hin semmew xi punti negattivi bhal ‘often reluctant to accept suggestions, sometimes strategical and preconstituted solutions’. Ir-rikorrent ghadda l-kors u nghata d-diploma, gie pero l-ahhar wiehed mill-grupp ta’ 5.

Meta r-rikorrent gie lura Malta gie moghti l-istess facilitajiet bhal-ohrajn biex jahdem fuq ir-radar il-gdid. Pero jidher illi kien hemm xi riluttanza min-naha tar-rikorrent illi jaghmel dan. Tant hu hekk illi kellu jaghmel ezami darbtejn biex jotjeni licenzja u peres illi fit-tieni wiehed ghamel ‘technical loss of separation’ u mehud inkonsiderazzjoni l-assenza tieghu fuq il-lant tax-xoghol, ir-rikorrent kien l-unika wiehed fost l-air traffic controllers kollha illi ma nghatatlux il-licenzja (ara xhieda Joseph Sultana fol. 57 et sequitur). Sussegwentement l-esigenzi tas-servizz kienu jirrikjedu illi

ssir sistema ta’ watch supervisor u ntghazlu 5 min-nies ghal watch wiehed u hamsa min-nies ohra watch ohra. Ir-rikorrent ma kienx jiehu gost jahdem f’watch illi s-superjur tieghu kienet persuna inferjuri fi grad tieghu u hemmhekk bdew il-kwistjonijiet fejn ir-rikorrent beda jaghmilha difficli kemm ghalih kif ukoll ghan-nies li kienu jahdmu mieghu. Fl-1988 Joseph Sultana bhala SATCO irtira r-rakkomandazzjoni tieghu sabiex ir-rikorrent jigi promoss minhabba l-problemi li jinqalghu. In segwitu saret laqgha plenarja illi fiha kienu prezenti Joe Sultana SATCO, id-Direttur ta’ l-Avjazzjoni Civili u d-Deputy Direttur ta’ l-Avjazzjoni Civili u l-Kaptan Lawrence Fenech li kien Deputy SATCO u ttiehdet decizjoni illi r-rikorrent ma jibqax jahdem fuq ir-radar u inghatalu xoghol iehor. Baqa’ fuq dan ix-xoghol sakemm irtira.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal mhuwiex se jidhol fil-kwistjoni deciza mill-Kummissjoni dwar Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji u ghalhekk trid tehodha bhala fatt illi dak iz-zmien fin-1988 ir-rikorrent kellu jkun promoss ghal Maggur bhal Kaptani l-ohra. Il-kwistjoni quddiem dan it-Tribunal tikkoncerna l-kwalifika tar-rikorrent ghal SATCO. It-Tribunal jirrealizza illi l-air traffic control huwa forsi l-qasam l-aktar importanti u delikat ghal dik li hija sigurta’ fl-Avjazzjoni Civili. U ghalhekk zgur illi f’dan id-dipartiment ma jistghux isiru kompromessi fil-kwalita’ u l-kapacita’ tan-nies li fuqhom taqa’ tali responsabilta’. Dan il ghaliex hemm fin-nofs is-sigurta’ ta’ l-ajruplani u l-passigieri li jkun hemm fihom li ghandhom dritt ikollhom mohhhom mistrieh illi dak kollu illi jirrigwarda s-sigurta’ taghhom qed isir mit-torri tal-kontroll. U ghalhekk huwa importanti illi jintghazlu l-ahjar fost l-ahjar nies illi possibilment ikunu kwalifikati biex jahdmu fit-torri.

It-Tribunal jifhem ukoll illi minbarra r-responsabiltajiet illi ghandu s-SATCO, dana irid ikun ghadda mir-ranks kollha tas-servizz u jkun jaf b’ghajnejh maghluqa l-proceduri kollha illi jridu jittiehdu ghal dak illi jirrigwarda l-operat tal-makkinarju inkluz ir-radar u s-sigurta’ ta’ l-ajruplani. Jekk hemm xi mankanza f’wahda minn dawn l-oqsma allura s-

SATCO m'ghandux jassumi dak il-grad peres illi jista' jkun ta' periklu ghal haddiehor. Hawn qieghed in-nuqqas kbir tar-rikorrent meta huwa ma kwalifikax biex jotjeni licenzja ghal operat ta' l-area radar il-gdid. Minkejja l-abilta' teknika tieghu illi, bhal ma diga inghad gie deskrit bhala 'a very accurate and prepared professional' ma dan kollu, ghandu difetti illi gew 'highlighted' fir-rapport illi sar wara l-kors illi ghamel l-Italja illi minhabba fihom forsi ma kienx intitolat illi jokkupa l-oghla post ta' SATCO.

Ir-rikorrent jilmenta illi saru diversi diskriminazzjonijiet fil-konfront tieghu u fit-tieni affidavit a fol. 72 isemmi kwistjonijiet dwar seniority, trattament diskriminatorju u nformazzjoni mhux korretta moghtija mis-SATCO Joe Sultana.

Ghal dak illi jirrigwarda seniority it-Tribunal ma jistax jidhol f'din il-materja peres illi r-rikorrent inghata l-grad ta' Maggur illi huwa l-oghla grad illi setgha jotjeni fid-dipartiment. Rigward it-trattament diskriminatorju r-rikorrent semma diversi cirkostanzi pero dawn baqghu allegazzjonijiet biss u mhux koperti b'ismijiet, dati jew referenzi illi b'xi mod it-Tribunal jista' jivverifika l-veracita' taghhom. Jekk ir-rikorrent qed jallega illi saru irregolaritajiet fil-konfront tieghu allura l-prova qeghda fuqu u jrid jressaq din il-prova biex juri lit-Tribunal illi verament sar trattament diskriminatorju. Allegazzjonijiet biss u thallihom fl-ajru mhuwiex il-mod kif tressaq il-provi quddiem it-Tribunal.

It-Tribunal wisq jissuspetta illi r-rikorrent gie affettwat minn tragedji personali illi sehhew fi zmien illi gie lura mill-kors l-Italja fejn allura ghamluha difficli ghalih biex jirrelata positivament mal-kollegi tieghu. Fil-fatt ir-rapport tat-Taljani jghid illi r-rizultati tar-rikorrent 'may have been impaired by side reasons such as anxiety and personal worries.' Izda minkejja l-perjodu twil ta' sick leave illi kien kopert minn certifikat mediku, ir-rikorrent xorta ma setghax jintegra ruhu positivament fl-ambjent tax-xoghol. U jista' jaghti l-kaz illi beda jsoffri minn 'persecution complex' fejn kull decizjoni kien qed jinterpreta bhala mehuda specifikament biex issir hsara lejh. Ir-rapport tat-Taljani

jikkonkludi billi jinghad ‘ he needs serene working conditions to show all his capabilities.’

It-Tribunal jifhem illi mehud in-natura tax-xoghol fil-control tower zgur illi serene working conditions ma jistghux jezistu hemmhekk. Air traffic controller huwa soggett ghal diversi tensjonijiet u stress meta jiltaqghu diversi ajruplani illi kollha jirrikjedu l-permess biex jinzlu l-ajruport. Air traffic controller ghandu l-poter illi jaghlaq l-ajruport f’kaz ta’ emergenza u anki jikkawza dizagi kbar ghal passigieri kollha ghalhekk dana ghandu responsabiltajiet enormi li jridu jigu mwettqa f’ambjent xejn seren minhabba n-natura stess tax-xoghol tieghu.

It-Tribunal jifhem ukoll illi meta r-rikorrent ra lil shabu jigu promossi u hu jibqa’ l-art, setgha affetwa negativament il-performance tieghu fuq il-lant tax-xoghol u anki jara lil shabu bhala konfoffa kontra tieghu. U jifhem ukoll d-depression li setgha waqa’ fih meta gie ordnat ma jahdimx aktar fil-control tower u jaghmel doveri ohra. Hawnhekk it-Tribunal jirrealizza illi r-rikorrent dahal f’cirku vizzjuz; fuq naha wahda hemm ir-rilutanza tieghu illi jahdem fuq ir-radar u li jintegra positivament man-nies kollha illi jahdmu mieghu kemm dawk superjuri u kif ukoll inferjuri ghal grad tieghu. Dana jwassal biex l-awtoritajiet jiehdu certa decizjonijiet fil-konfront tar-rikorrent liema decizjonijiet min-naha l-ohra hallew effett negattiv fuq ir-rikorrent illi minhabba f’hekk kompla wera aspetti negattivi lejn ix-xoghol tieghu.

F’dawn ic-cirkostanzi ma tarax kif ir-rikorrent qatt setgha jigi mahtur bhala SATCO, ghax minkejja l-kwalifiki u l-kapacitajiet tieghu kif ukoll element ta’ seniority, ir-rikorrent ma kienx emozzjonalment preparat sabiex jassumi dik ir-responsabilta’ hekk qawwija bhala SATCO. Il-kapacita’, kwalifiki u seniority mhumiex bizzejjed biex iwasslu persuni fl-oghla kariga jekk dik il-persuna ma tkunx emozzjonalment ippreparata sabiex tassumi dik ir-responsabilta’. Dak iz-zmien bejn in-1988 u n-1991, ir-rikorrent ma kienx emozzjonalment ippreparat sabiex jassumi dik ir-responsabilta’.

Fix-xhieda tieghu a fol. 39 et sequitur ir-rikorrent jallega li saret ingustizzja mieghu meta telgha il-partit nazzjonialista fil-gvern u saru ukoll decizjonijiet diskriminatorji fil-konfront tieghu. Filwaqt illi r-rikorrent isemmi xi cirkostanzi, ma gab l-ebda prova konkreta specjalment dwar l-allegazzjoni ferm serja li, al fini tal-pensjoni gie allegat illi kien hemm kazijiet fejn minhabba indhil politiku, numru ta' persuni fl-air traffic gew regalati validations bl-approvazzjoni tad-Direttur sabiex ikunu jistghu jaqbzu punt ghal fini tal-klassifika fil-pensjoni. Ir-rikorrent ma gab l-ebda provi ta' dan. Bhal ma gabx provi dwar l-allegazzjonijiet kollha illi ghamel. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzjoni illi saret xi forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tieghu wara Mejju 1988. Jekk ir-rikorrent ma nghatax il-hatra ta' SATCO dina kienet kawza ta' nuqqasijiet tieghu stess fir-relazzjonijiet interni illi kellu kemm mas-superjuri kif ukoll mal-kollegi b' grad inferjuri minnu.

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi litenut kont il-portata tar-repsonsabilitajiet ta' SATCO u d-decizjoni li r-rikorrent ma jinghatax din il-hatra kienet wahda gusta fl-isfond tac-cirkostanzi li kien jinsab fihom fl-1991. U ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------